# Eżami għall-*Warrant* ta' Avukat

**(Parti bil-miktub)**

**It-Tnejn 29 ta' Lulju 2019**

**9.00 *a.m.* sa 12.00 *m.d.***

**(It-tweġibiet għandhom ikunu kollha bil-Malti. Sakemm ma jkunx indikat xort'oħra fil-każ ta' persuna bi bżonnijiet speċjali, il-ħin mogħti biex twieġeb kemm għal Taqsima A kif ukoll għal Taqsima B huwa ta' tliet sigħat)**

## Taqsima A

Wieġeb għal tlieta biss minn dawn li ġejjin:

1. Il-klijenti tiegħek, l-armla u l-ulied ta' ħaddiem tat-tarzna, igħidu illi l-awtur tagħhom miet minħabba marda kaġjunata minn esposizzjoni għal *asbestos* waqt li kien jaqdi d-dmirijiet tiegħu fit-tarzna. Ħejji l-att meħtieġ biex il-klijenti tiegħek jiksbu rimedju.

2. Bejn il-klijenta tiegħek u żewġha għaddejja kawża għall-firda personali bejn il-miżżewġin. Issa l-klijenta saret taf illi żewġha, li hu negozjant, qiegħed igħabbi l-komunjoni tal-akkwisti bi djun. Ħejji l-att meħtieġ biex il-klijenta tiegħek tikseb rimedju.

3. Il-ġâr tal-klijent tiegħek għandu proprjetà immobbli li tinsab abbandunata u fi stat ħażin ħafna, hekk li l-klijent tiegħek qiegħed jibża' li tista' tiġġarraf u tagħmel ħsara lill-proprjetà tiegħu. Ħejji l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

4. Il-klijent tiegħek għandu għoxrin fil-mija (20%) tal-ishma f'kumpannija. L-azzjonisti l-oħra għandhom tmenin fil-mija (80%) u huma d-diretturi tal-kumpannija. Il-klijent tiegħek igħid illi d-diretturi qegħdin imexxu negozju ieħor b'kompetizzjoni ma' dak tal-kumpannija, qegħdin jinqdew b'assi tal-kumpannija għal dan in-negozju l-ieħor tagħhom u qegħdin imexxu l-kumpannija fl-interess personali tagħhom flok fl-interess tal-kumpannija. Ħejji l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek jikseb rimedju.

5. Il-klijent tiegħek irċieva ittra mingħand sid-il-kera biex jiżgombra minnufih mill-fond mikri wara li nqatgħet kontrih sentenza ta' żgumbrament mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili mogħtija fil-kontumaċja tiegħu fil-31 ta' Mejju 2019. L-ittra twissih illi fin-nuqqas jinħareġ mandat ta' żgumbrament esekuttiv kontra tiegħu. Il-klijent igħid illi ma ikkontestax il-kawża għax qatt ma ġie notifikat billi l-atti kienu tħallew f'idejn ġâr li qatt ma għaddihomlu. Ħejji l-atti meħtieġa biex il-klijent tiegħek jibseb rimedju u biex is-sid sadanittant ma jitħalliex jesekwixxi s-sentenza.

6. Il-klijent tiegħek, vittma ta' reat, għamel kwerela biex il-pulizija esekuttiva tmexxi kontra l-persuna indikata minnu bħala l-ħati, iżda l-pulizija baqgħet ma għamlet xejn. Ħejji l-att meħtieġ biex il-klijent tiegħek jingħata rimedju.

## Taqsima B

Wieġeb għal waħda biss minn dawn li ġejjin:

1. Xi prekawzjonijiet għandu jieħu avukat biex jassikura li ebda klijent ma jinqeda bis-servizzi tiegħu għal għanijiet ta' ħasil ta' flus?

2. Fuq struzzjonijiet tal-klijent tiegħek inti ftaħt kawża kontra l-eredi ta' debitur tal-klijent. Waqt is-smigħ tal-kawża l-klijent igħarrfek illi d-dejn kien fil-fatt tħallas mid-debitur qabel miet iżda l-eredi ma jafx b'dan. Jgħidlek ukoll illi hu sejjer jixhed illi d-dejn għadu ma tħallasx. Kif għandek timxi f'dawn iċ-ċirkostanzi?

3. Ditta ta' avukati tixtieq ixxandar avviż fil-*media* dwar il-prattika professjonali tagħha. Fisser ir-regoli li jolqtu x-xandir ta' avviżi bħal dawn skond il-Kodiċi ta' Etika tal-Avukati kif ukoll ir-rwol tal-Kamra tal-Avukati f'dan il-qasam.